# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 26 ta' Marzu 2024**

**Kawża Numru: 1**
**Rikors Guramentat Numru:- 1073/2020JVC**

**Doris mart John Baldacchino (K.I.530949M)**

**vs**

**Albert Debono, Rennie Debono, Mario Debono, Charles Debono u Marthese Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Doris mart John Baldacchino (K.I.530949M) li jaqra kif isegwi:

1. ‘Illi fid-19 ta’ Lulju, 2020 mietet Maria Debono armla ta’ Emanuel Debono, li kienet omm l-esponenti u hutha l-intimati (Dokumenti A).

2. Illi l-istess Maria Debono mietet intestata (Dokumenti B u C), u ghalhekk skont il-ligi wirtuha l-partijiet kontendenti f’sehem indaqs bejniethom.

3. Illi l-esponenti sejhet lill-intimati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u l-qsim tal-wirt ta’ ommha, izda dawn baqghu inadempjenti.

   Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

   i. Tiddikjara u tiddeciedi li l-esponenti u l-intimati huma werrieta ndaqs ta’ ommhom Maria Debono li mietet intestata fid-19 ta’ Lulju, 2020;

   ii. Tillikwida l-wirt ta’ l-imsemmija Maria Debono, u

   iii. Taqsam l-istess wirt f’sehem indaqs bejn il-partijiet kontendenti;

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni ta’ l-intimati in subizzjoni.’.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Albert Debono et li taqra kif isegwi:

1. ‘Illi l-esponenti jaqblu illi huma, flimkien ma’ ohthom l-attrici, huma werrieta indaqs tad-defunta ommhom, stante li din mietet intestata;

2. Illi l-esponenti huma madanakollu sorprizi b'din il kawza stante li l-assi li kellha d-defunta ommhom kienu minimi u insinifikanti, u kienet l-attrici li ma rrispondietx lill-esponenti Albert Debono meta dan ipprova jikkuntattjaha sabiex tigbor sehma ta' elf u mitt Ewro (EUR 1,100) mil-flus ta' ommhom, kif *del resto* ghamlu l-kumplament tal-esponenti;

3. Illi ghajr dan l-ammont minimu, u ftit gojjellerija, ma hemm ebda assi ohra x'jinqasmu bejn il-partijiet;

4. Illi ghaldaqstant l-esponenti, filwaqt li ma jopponux it-talbiet attrici fil-mertu, qeghdin jipprotestaw ruhhom ghall-ispejjez ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-attrici, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.'.

Rat l-affidavits, xhieda, certifikat tal-mewt, ricerki testamentarji sigrieti u pubblici, statements bankarji, ritratt, kopja ta' ricevuta, ittri legali, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Frar, 2022 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr Mariella Schembri Gonzi Dr Roberta Spiteri rrilevat li l-avukati tal-partijiet iddikjaraw li s-Sur Albert Debono ghadu kif ghadda l-ammont ta' elf u mitt Ewro (€1,100) lir-rikorrenti Doris Baldacchino liema ammont qed jiddikjara li nstab id-dar dakinhar tal-mewt ta' ommhom Maria Debono u liema ammont jifforma sest mill-ammont shih ta' sitt elef u sitt mitt Ewro (€6600) li nqasmu bejn l-ahwa;

Rat in-nota tar-rikorrenti Doris Baldacchino ntavolata nhar it-23 ta' Gunju, 2022 a fol. 73 tal-process fejn permezz taghha giet pprezentata nota ffirmata minn Albert Debono, Rennie Debono u Charles sive Carmelo Debono fejn il-partijiet imsemmija jammettu li ommhom weghdet il-brazzuletta lir-rikorrenti Doris Baldacchino u din il-brazzuletta nghatat b'donazzjoni lil Doris Baldacchino mal-mewt taghha. Ghalhekk ma tifformax parti mid-deheb li kien fadal mal-mewt tal-omm Maria Debono. Fl-istess nota gie ndikat li huma qeghdin jaqblu li d-deheb ghandu jinbiegh u mir-rikavat ghandu jithallas l-ispejjez tal-Qorti u l-Avukati. Gew ipprezentati dokumenti ohra;

Rat illi fil-verbal datat 20 ta' April, 2023 il-kawza giet differita ghat-28 ta' Marzu, 2024 ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat illi permezz tal-avviz datat 10 ta' Awwissu 2023 il-kawza giet rikjamata ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat li hadd mill-partijiet ma pprezenta noti ta' sottomissjonijiet;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrenti Doris Baldacchino u l-intimati Albert Debono et huma lkoll ahwa wlied il-mejtin Emanuel u Maria konjugi Debono. Il-kawza odjerna hija wahda ta' divizjoni tal-beni mobbli u mmobbli tal-mejta ommhom Maria Debono li giet nieqsa fid-19 ta' Lulju, 2020 (ara certifikat tal-mewt a fol. 4 tal-process). Mill-kopji tar-ricerki testamentarji pubblici u sigrieti esebiti fl-atti a fol. 5 et seq tal-process jirrizulta li l-mejta Maria Debono m'ghamlitx

testmenti u ghalhekk skont il-ligi wirtuha l-partijiet kollha f'sehem indaqs.

Illi jirrizulta li l-kawza odjerna giet intvolata minhabba n-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet stante li effettivament l-beni x'jinqasmu huma ftit li setghu facilment jigu divizi minghajr il-bzonn tal-Qorti.

**Flus il-bank u flus kontanti:**

Fil-mori tal-kawza telghu jixdhu diversi rapprezentanti tal-banek HSBC Bank Malta plc (fol. 28), Lombard Bank plc (fol. 29), BNF Bank plc (fol. 30), APS Bank plc (fol. 31) u BOV Bank Malta plc (fol. 32) minn fejn irrizulta li l-uniku bank li kellha kontijiet bankarji fihom kien l-bank BOV Bank Malta plc fejn kellha zewg kontijiet wiehed *term deposit account* li kien inghalaq fl-Lulju, 2020 u kont iehor *savings account* li kull ma kellu kien biss fl-ammont ta' sitt (6) centezmi tal-Ewro (ara l-statements bankarji a fol. 33 et seq tal-process). Ghalhekk ikkunsidrat li l-accounts imsemmija jew huma maghluqa jew kull m'ghandhom huwa biss ftit centezmi li lanqas biss jaqbel l-iskarigg li jigu zbankati m'hemmx xejn x'jigi diviz in kwantu flus mizmuma l-bank.

Illi rrizulta wkoll li fid-dar residenzjali tal-mejta Maria Debono kienu nstabu xi flus kontanti fl-ammont ta' sitt elef u sitt mitt Ewro (€6,600) liema flus gia gew maqsuma bejn il-partijiet u r-rikorrenti rceviet is-sehem taghha fl-ammont ta' elf u mitt Ewro (€1,100) fil-mori tal-kawza. Infatti dan gie vverbalizzat fis-seduta tal-15 ta' Frar, 2022 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr Mariella Schembri Gonzi (a fol. 35 tal-process). Fl-atti ma tressqitx prova ulterjuri li hemm xi flus kontanti ohra x'jinqasmu.

**Deheb:**

Illi l-uniku beni li baqghu ma nqasmux u li fuqhom inqalet kwistjoni huwa d-deheb tal-mejta Maria Debono. Il-kwistjoni l-aktar imqanqla kienet jekk ir-rikorrenti Doris Baldacchino ghandhiex tiehu l-brazzuletta li skontha ommha kienet weghditha, kwistjoni li llum giet sorvolata billi l-brazzuletta haditha u tinsab fil-pussess taghha. Madanakollu ghalkemm fl-atti tressqu hafna dokumenti fejn uhud mill-partijiet iddikjaraw li d-deheb ghandu jinbiegh u mir-rikavat ghandu jithallas l-ispejjez kollha relatati mal-kawza jidher li mhux il-partijiet kollha ghamlu din id-dikjarazzjoni u mhux il-partijiet kollha jaqblu ma' din il-proposta. Biss biss l-intimata Marthese Borg qatt ma xehdet fil-process u meta xehed l-intimat Mario Debono fis-seduta tat-23 ta' Jannar, 2023 (a fol. 114) ghalkemm precedentement kien qabel li jsir hekk, kien biddel il-verzjoni u f'din is-seduta kien qal li huwa u ohtu Marthese Borg jridu jiehdu sehmhom mill-flus tad-deheb. Ghalhekk gialadarba m'hemmx qbil unanimu l-Qorti m'ghandhiex ghazla ohra hlief li tordna li dan id-deheb jinbiegh, ir-rikavat jinqasam u kull parti taghmel li trid bil-flus li jmissha.

Illi fl-atti saret referenza ghal lista tad-deheb u l-valur taghhom li nghata mill-Monte di Pieta' pero' ma gietx ipprezentata kopja taghha u ghalhekk il-Qorti m'hijiex edotta minn x'hemm deheb u l-valur tieghu. Fic-cirkostanzi l-Qorti ser tghaddi sabiex tordna li dawn l-oggetti tad-deheb jinbieghu u r-rikavat jinqasam.

Dwar il-brazzuletta li r-rikorrenti Doris Baldacchino tinsab fil-pussess taghha, l-Qorti m'ghandhiex dikjarazzjoni minghand il-partijiet kollha li tista' tohodha oltre s-sehem taghha mid-deheb. Anzi l-Qorti tinnota li l-intimat Albert Debono fix-xhieda tieghu moghtija fil-21 ta' Gunju, 2022 (a fol. 85 et seq tal-process)

iddikjara li *'Ma nistax inzid izjed minn dik. Jekk ahna sitta indaqs irridu niehdu.'*. Fic-cirkostanzi l-Qorti ser tghaddi sabiex tordna li l-brazzuletta li hadet ir-rikorrenti Doris Baldacchino ghandha tigi wkoll ivvalutata u l-vaur taghha mnaqqas minn sehemha meta jinbiegh id-deheb u jitqassam ir-rikavat.

Ma jirrizultax li l-mejta Maria Debono kellha beni oltre dawk indikati fil-paragrafi precedenti.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti Doris Baldacchino u l-intimati Albert Debono et huma lkoll werrieta ndaqs ta' ommhom Maria Debono li mietet intestata fid-19 ta' Lulju, 2020;

2. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-wirt ta' l-imsemmija Maria Debono ossia d-deheb hekk kif indikat fit-taqsima '**<u>Deheb:</u>**' b'dan li kif indikat fl-imsemmija taqsima d-deheb ghandu jinbiegh kif indikat u r-rikavat ghandu jigi spartit bejn il-partijiet kollha f'din il-kawza b'dan li f'sehem ir-rikorrenti Doris Baldacchino ghandu jittiehed kont ukoll tal-valur tal-brazzuletta li gia qieghda fil-pussess taghha. F'kaz li l-partijiet ma jaslux ghal ftehim sabiex jinbiegh id-deheb u jitqassmu lill-partijiet l-ishma rispettivi mir-rikavat fi zmien tlett xhur mid-data li din id-decizjoni ssir res judicata, l-Qorti tirriserva li tordna l-bejgh bis-subbasta tal-istess wara rikors ta' kwalunkwe parti fil-kawza;

3. Tichad it-tielet talba billi ma jirrizultax li d-deheb huwa wiehed li jista' jigi maqsum indaqs bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi ghandhom jigi spartiti ugwalment bejn il-partijiet fil-kwota ta' 1/6 kull parti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**26 ta' Marzu, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Marzu, 2024**